12 ta' Mejju, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Salvatore Cascun *versus* Abel Xuereb (*)

**Appell — Malleverija — Malleverija għall-Ispejjeż — Board tal-Kera — Art. 899 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta jsir appell minn deċiżjoni tal-Board tal-Kera mhix meħtieġa l-malleverija għall-ispejjeż ta' l-appell billi ma huwa meħtieġ li jsir*

*fil-każ ta' appell li jsir permezz ta' petizzjoni u fil-każijiet l-oħra msemmijin fil-liġi.*

Il-Qorti, — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera no. 55 ta' l-1950, biex jerġa' jieħu taħt idejh il-garage nru. 7 Main Street, Ħaż-Żebbuġ, mikri lill-intimat, għax iridu għall-użu tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Board tas-27 ta' Frar 1950, fejn il-Board iddeċieda billi laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat 40 ġurnata żmien; wara li kkunsidra;

Illi l-kwistjoni hija kollha jekk il-garage għandux jitqies ruħu "ħanut" kif inhu definit f'section 2 tal-Kap. 109 Edizzjoni Riveduta Liġijiet ta' Malta. Dana l-Board kellu ħafna okkażjonijiet oħra jiddiskuti din il-kwistjoni, u rritjena li, billi persuna żżomm char-a-banc tal-linja f'garage, dan ma jsirx b'daqshekk ħanut jew fond kummerċjali protett taħt id-dispożizzjoni ta' section 13 ta' l-istess Kap. 109. Il-garage fil-fatt ma jservix għall-eżerċizzju ta' xi arti jew industrija; u l-fatt li tinżamm fih vettura bil-mutur li sservi lil sidha biex jaħdem biha ma jirrendihx fond kummerċjali. Kien ikun każ differenti kieku l-fond kien garage fejn persuna, jew tagħmel għan-nies tiswijiet fil-cars, jew iżżomm numru ta' karrozzi għall-kiri; għax allura l-fond ikun qiegħed iservi għan-negozju. u fil-fatt irid ikollu permess tal-Pulizija;

Illi la darba l-fond mhux "ħanut" fis-sens tal-liġi, ma jgawdix il-protezzjoni li tagħti lill-"ħwienet" il-liġi tal-kera; u la darba huwa rikjest mis-sid għall-użu proprju, u mhux "dwelling house", mhix applikabili l-limitazzjoni għad-dritt tal-preferenza imposta f'section 10 ta' l-istess Kap. 109;

Rat ir-rikors ta' l-intimat, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi t-talba ta' l-attur tiġi riġettata;

Ikkunsidra, fuq l-eċċezzjoni opposta mill-appellant rigward il-produzzjoni ta' kawzjoni għall-ispejjeż ta' l-appell minn deċiżjonijiet tal-Board li jirregola l-Kera, illi l-art. 899 (1) tal-Liġi tal-Proċedura jiddisponi illi l-pleġġerija għall-ispejjeż tal-kawża mhix meħtieġa ħlief fil-każijiet imsemmija f'dak il-Kodiċi;

L-art. 247 (1) igħid illi ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta, li ma tkunx preżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża; u ntri fis-sottosezzjoni (ii) jingħad illi dana jgħodd ukoll għac-ċitazzjoni, meta l-liġi trid jew tippermetti li jitmexxa b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll għall-każijiet illi fihom it-tmexxija b'ċitazzjoni hija ordnata minn liġi speċjali, jekk dik il-liġi stess ma tkunx tiddisponi xort'oħra;

Minn dana jidher ċar li fil-każ ta' appelli li jsiru per mezz ta' petizzjoni jew per mezz ta' ċitazzjoni, il-petizzjoni u ċ-ċitazzjoni għandhom ikunu akkompanjati mill-pleġġerija; imma l-liġi ma ssemmi xejn dwar appelli per mezz ta' rikorsi ħlief fir-rigward li sejjer jingħad aktar 'il quddiem;

L-art. 25 (2) tal-Kap. 109, li jirregola l-Kera, jagħti fakoltà li f'ċerti każi jista' jsir appell mid-deċiżjonijiet tal-Board li jirregola l-Kera; u jgħid li dan l-appell għandu jsir per mezz ta' rikors, mingħajr ma jgħid ebda ħaġa li r-rikors għandu jkun akkompanjat minn pleġġerija; u b'rispett għall-prinċipju li "ubi ex voluit dixit" għandu jiġi mifhem li peress li l-proċeduri quddiem il-Board li jirregola l-Kera huma sommarji, l-istess liġi riedet illi l-appelli mis-sentenzi tal-Board isiru quddiem il-Qorti ta' l-Appell b'forma anqas solenni minn dik ta' petizzjoni jew taċ-ċitazzjoni, imma per mezz ta' rikors mingħajr il-bżonn tal-produzzjoni tal-pleġġerija;

Huwa veru li appelli minn digrieti interlokutorji jsiru wkoll per mezz ta' rikors, u, non ostanti dina l-proċedura sommarja, il-kawzjoni jew depożitu hija meħtieġa; imma f'dan il-każ hemm espressament provvedut fl-art. 227 sottosezzjoni 7 tal-Liġi tal-Proċedura, fejn hemm dispost li, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' l-istess artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar l-appelli mis-sentenzi jgħoddu għall-appelli mid-digrieti interlokutorji;

Huwa ċar li kieku l-leġislatur ried jissottometti r-rikors ta' l-appelli mis-sentenzi tal-Board li jirregola l-Kera għall-formalità tal-produzzjoni tal-pleġġerija, huwa seta', kieku hekk ried, jimponi l-kondizzjoni fl-art. 25 (2) tal-Kap. 109, fejn stabbilixxa l-mod tal-proċedura ta' l-appelli mill-Board;

Prinċipju simili f'każ ta' proċedura straordinarja ġie stab-

bilit minn dina l-Qorti fil-kawża "Scicluna vs. Calleja", definita fil-25 ta' Mejju 1916 (Vol. XXIII—I—156);

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-appellant, u tiddikjara li f'każi ta' appell mill-Board li jirregola l-Kera per mezz ta' rikors il-produzzjoni ta' garanzija ma hix neċessarja; u in vista tan-novità tal-kwistjoni definita b'din is-sentenza, tordna li l-ispejjeż relativi ma jkunux taxxati.